MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 113/2003

**Illum, 12 ta' Settembru 2003**

**App Nru 113/03**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Theuma**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Theuma talli fit-8 ta' Novembru 2002 ghall-habta ta' 3.10pm waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni JAX 735 ta' ghamla V/W Polo fi Triq St Elizabeth, Xewkija:

(1) saq l-istess vettura b'velocita` eccessiva;

(2) u aktar b’imprudenza, b’negligenza u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ta’ traffiku habat ma vettura KAT 253 tat-tip Toyota Corolla u kkagunalha hsara konsiderevoli ghad-dannu ta’ Josephine Bonett minn Ghajnsielem, kif ukoll hsara f’tabella ta’ ‘Stop Sign’ ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija, kif ukoll hsarat hfief f’cint tal-fond numru 19, St Elizabeth Str, Xewkija ghad-dannu ta’ Carmel Pace ta’ l-istess indirizz;

(3) akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Tabite Kristel ta’ 9 snin u dan skond ma ccertifika Dr M. Portelli MD ta’ l-isptar Generali Ghawdex;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Christopher Theuma hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ sittin lira (Lm60);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Christopher Theuma, minnu pprezentat fl-4 ta’ Gunju 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-inkrocju ta’ Triq Santa Elizabetta ma’ Triq La Vallette, fix-Xewkija, Ghawdex. Kuntrattur li kien qed jaghmel xi xogholijiet fi triq fil-vicin iddecieda li jiddevja t-traffiku b’mod li dan gie kostrett jghaddi minn Triq La Vallette kontra l-*one way*. Josephine Bonett ghamlet kif ghamlu vetturi ohra, dahlet go triq La Valletta kontra l-*one way* u baqghet sejra fid-direzzjoni ta’ Triq Santa Elizabetta. Kif waslet fl-inkrocju hija tghid li harset biex tara kienux gejjin vetturi minn fuq ix-xellug taghha (u allura minn Triq Santa Elizabetta) u, meta ma rat xejn, iddecidiet li taqsam Triq Santa Elizabetta (dejjem kontra l-*one-way*). Kien f’dan il-mument li hija habtet mal-vettura tal-appellant, li kienet qed tinsaq fi Triq Santa Elizabetta. Il-vettura ta’ l-appellant li giet minn fuq ix-xellug ta’ Bonett dahlet fil-bieba ta’

quddiem tal-*passenger side* ta' Bonett, vicin il-*mudguard* tax-xellug.

Il-kaz ta' prosekuzzjoni hu mibni kollu kemm hu fuq il-premessa li l-appellant kien qed isuq b'velocita` eccessiva, cioe` jew velocita` oltre dik regolamentari jew altrimenti velocita` li ma kienitx konsiljata ghall-lokalita` jew ghac-cirkostanzi ambjentali ta' dak il-hin. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha u tosserva li l-unika prova dwar il-velocita` tinsab fid-deposizzjoni ta' Josephine Bonett, li tghid li l-vettura ta' l-appellant kienet gejja b'velocita` qawwija hafna u, per di piu`, li l-appellant u l-passiggier li kellu quddiem kienu qed iparlaw bejniethom b'mod li s-sewwieq (l-appellant) ma intebahx mill-ewwel bil-vettura taghha. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din id-deposizzjoni ta' Bonett ma hix bizzejjed biex tnissel fil-gudikant dik ic-certezza morali mehtiega fil-kamp penali. Dan qed jinghad ghal tlett ragunijiet. L-ewwel nett meta xehdet Bonett hija qalet li kien is-Surgent tal-Pulizija li ghamel l-iskizz ezibit a fol. 3 li qalilha li kollox kien jindika li kien hemm velocita` eccessiva da parti ta' Theuma. Is-Surgent 755 Frank Gauci, invece, jichad dan u jghid li l-allegazzjoni ta' velocita` giet minn Bonett u mhux minnu. Dan hu konfermat, indirettament, mir-rapport li hejja l-istess Surgent (u li jinsab ezibit a fol. 4 sa 9) fejn ukoll il-velocita` tissemma' biss fl-istqarrija ta' Bonett; u fil-parti tar-rapport intestata "Recommendations" jinghad *inter alia* espressament hekk: *"…whilst Thewma [is to be charged] for having driven at an excessive speed <u>as alleged by Bonnet.</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fit-tieni lok, li kieku l-appellant kien ghaddej bil-velocita` li Bonett tghid (jew ahjar, timplika) li kien ghaddej biha Theuma, il-hsara fil-vetturi kienet tkun ferm akbar. Fl-ahharnett, Bonett tghid li meta hija waslet fl-inkrocju hija harset biex tara jekk kienitx gejja xi vettura, u ma rat xejn. Hi tispjega l-fatt li l-vettura ta' l-appellant ratha biss sekondi qabel l-impatt billi tallega l-velocita` eccessiva ta' l-istess appellant. Issa, anke li kieku Theuma kien ghaddej isuq b'sahhtu hafna – li, kif inghad, allura l-hsara fil-vetturi kienet tkun ferm akbar – huwa inkomprensibbli ghal din il-Qorti kif Bonett ma ratux gej. L-appellant kien gej mid-direzzjoni ta' Triq

Santa Katerina, b'mod li minn fejn dahal fi Triq Santa Elizabetta sal-post ta' l-impatt hemm cirka sebghin metru b'vizwali dritta. Huwa ghalhekk inkomprensibbli ghal din il-Qorti kif Bonett ma ratx lil Theuma gej. Din il-Qorti hi ghalhekk pjuttost tal-fehma li kienet Bonett li ma zammitx *a proper lookout* meta giet biex tohrog (kontra d-direzzjoni tat-traffiku) minn triq La Vallette ghal go Triq Santa Elizabetta.

Ghalkemm huwa risaput li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, f'dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma kienitx wahda li dik il-qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft.) V. DeGaetano
Prim'Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------